

## Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali - Greċja

### LISTA TAL- KONTENUT

- 1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?
- 2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?
- 3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?



#### **1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f' dan l-Istat Membru?**

Il-liġi Griega fiha ċerti regoli speċjali li jimponu restrizzjonijiet fuq il-wirt ta' assi li jkunu jinsabu fil-Greċja għal kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, familjari u soċjali.

Dawn ir-regoli speċjali ġew stabbiliti fir-rigward ta':

A) proprjetajiet ta' patrijiet (ara l-Artikoli 4, 18 u 19 tal-Liġi 3414/1909 dwar il-Fond Ekkleżjastiku Ġenerali u l-Ġestjoni tal-Monasteri, li baqgħu fis-seħħ bl-Artikolu 99 tal-Liġi li tintroduċi l-Kodiċi Ċivili Elleniku, l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 25 tal-Liġi 4684/1930, l-Artikolu 1 tal-Liġi 1918/1942 u l-Artikolu I tal-Liġi 2067/1952). B' mod partikolari, daww id-dispożizzjonijiet jiddikjaraw li, bl-operat tal-liġi, il-proprjetà ta' patri għandha tintret mill-monasteru fejn dan ikun indifen u li jkun ġie rreġistrat fir-reġistri tiegħu, wara li jkun tnaqqas is-sehem riżervat tal-beni għall-eredi tiegħu. Legati, donazzjonijiet u wirt li jiddevolvu fuq il-patri wara li dan ikun daħal fil-monasteru jappartjenu lill-monasteru u l-patri jkollu biss id-dritt ta' 50 % tal-użufrutt fuq l-assi li jiddevolvu fuq il-monasteru, filwaqt liassi li jirċievi l-patri wara li jkun ħa l-voti tiegħu fuq bażi mhux gratwita jiddevolvu fuqu personalment u jista' jiddisponi minnhom, iżda dan ma jstax jagħmlu permezz ta' tranżazzjonijiet gratwiti. Jekk ma jiddisponix minnhom, wara mewtu, 50 % ta' daww l-assi jiddevolvu fuq is-Servizz Finanzjarju Ċentrali Ekkleżjatiku u 50 % fuq il-monasteru. Ta' min jinnota li hemm regoli aktar speċifiċi għall-patrijiet tal-Muntanja Atos (ara l-Artikolu 101 tal-Karta tal-Muntanja Atos, li baqgħet fis-seħħ permezz tal-Artikolu 99 tal-Liġi li tintroduċi l-Kodiċi Ċivili Elleniku). Jekk dawn il-patrijiet jakkwistaw assi wara li jkunu ħadu l-voti tagħhom, daww l-assi jiddevolvu fuq il-monasteru irrilevantement minn meta l-patrijiet imutu, u kwalunkwe dispożizzjoni tal-assi f'testament tkun invalida, kif ikun it-testament innifsu.

B) Assi li jsir disponiment minnhom b'wirt, legat jew donazzjoni lill-Istat Grieg jew korp irregolat bil-liġi pubblika jew għall-finijiet ta' benefiċċju pubbliku (ara l-Liġi 4182/2013 dwar il-beni ta' benefiċċju pubbliku, wirt battal u dispożizzjonijiet oħrajn). Il-Ministru tal-Finanzi jista' jew jafferma jew jiċħad il-wirt tal-assi, sakemm dan ma jkunx wirt li jkun għadda lill-Istat mingħand persuna intestata li f'dan il-każ il-wirt ma jstax jiġi rifjutat. Barra minn hekk, l-Istat jaċċetta tali beni, fi kwalunkwe żmien, soġġett għall-benefiċċju tal-inventarju, li jfisser li dan ikun responsabbli għad-djun fuq il-beni li jkun wirt, iżda sa mhux iżjed mill-valur tal-assi tal-beni.

#### **2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?**

Daww ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni, irrispettivament mil-liġi li tirregolaha.

### **3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?**

Sa fejn jikkonċerna r-regoli speċjali fil-punt (B), il-Liġi 4182/2013 tiddikjara, fost l-oħrajn, li meta jiġi ppreżentat testment awtentikat jew awtentikat barra l-pajjiż, u dak it-testment ikollu dispożizzjoni favur finijiet ta' beneficiċċju pubbliku jew favur l-Istat jew korp irregolat bil-liġi pubblika, l-iskrivan tal-qorti u/jew l-awtorità konsulari fil-post fejn ikun ġie awtentikat jew miżmum it-testment, u l-iskrivan tal-Qorti ta' Ateni tal-Prim'Istanza li jkun intbagħatlu t-testment, ikunu obbligati jibagħtu kopja tal-proċeduri awtentikata lid-Direttorat rilevanti tal-Ministeru tal-Finanzi sa mhux aktar tard mill-ewwel 10 ijiem tax-xahar ta' wara. Il-liġi tiddikjara wkoll li l-assi mħollija għall-finijiet ta' beneficiċċju pubbliku għandhom jintużaw fil-manjiera speċifikata mit-testatur jew donatur, u huwa pprojbit li l-għanijiet ta' beneficiċċju pubbliku, il-manjiera u t-termini relatati mal-ġestjoni tal-beni jinbidlu, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar kif dawn għandhom jiġu amministrati. Jekk ikun hemm dubji dwar x'intenzjonijiet kellu t-testatur jew id-donatur, jew kwalunkwe kontestazzjoni għal dawk il-materji, il-materja għandha tiġi deċiża mill-qorti kompetenti. Dik l-istess Liġi stabbiliet ukoll ir-Reġistru għall-Beni ta' Benefiċċju Pubbliku (ir-Reġistru tad-Dotazzjonijiet Nazzjonali) li fih jiġu rreġistrati dawn il-beni kollha.

---

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

L-aħħar aġġornament: 29/08/2019